PL5227

**AFFARIJIET RURALI U AMBJENT - PROPRJETA'**

**18922. L-ONOR. JOSEPH DEBONO GRECH** staqsa lill-Ministru għall-Affarijiet Rurali u Ambjent: Jista' il-Ministru jgħid jekk il-ministeru għandux proprjeta' mikrija għal xi tip ta' użu, kemm għall-ministeru, dipartimenti u *enti* li jaqgħu taħtu? Kemm qiegħda titħallas kera fix-xahar minn fondi pubbliċi għal kull proprjeta' separatament? Jista' jgħid fejn tinsab din il-proprjeta' mikrija separatament?

04/05/2006

**ONOR. GEORGE PULLICINO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba tinsab fit-tabella hawn taħt:

| **Indirizz** | **Użu mill-Ministeru** | **Ammont ta' kera li titħallas fis-sena** |
|---|---|---|
| 14, Triq MA Vassalli, Valletta | Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi | Lm340 |
| Swieqi | Garaxx għall-karozza tal-Ministru | Lm250 |
| Triq Ġdida fi Triq il-Mosta, Lija | Direttorat tal-EU Affairs | Lm15,750* |

* Il-kera tħalset fl-2004 u tkopri parti minn sena, b'tali mod li aħna attwalment 'irrifondejna' lid-Dipartiment tax-Xogħlijiet is-somma ta' Lm10,250. Il-kuntratt tal-kera intemm fit-30 ta' Ġunju 2006 iżda qed tintalab approvazzjoni għal estensjoni ta' sitt xhur mill-Ministeru tal-Finanzi qabel ma jkunu kompluti l-uffiċini fil-kumpless tal-Biċċerija.

Il-kumpanija WasteServ Malta Ltd għandha żewġ proprjetajiet mikrija, li huma:

1. Propjetà f'Għawdex biex tintuża bħala uffiċċju mill-impjegati tal-WasteServ Malta Ltd, liema propjetà bdiet tinkera mill-1 ta' Awwissu 2005, bit-titolu ta' "Ta' Mlit Court" u li tinsab fi Triq Giorgio Borg Olivier, Victoria. Ġiet mikrija din il-propjetà biex tintuża bħala uffiċċju minfejn il-kumpanija tmexxi u tamministra x-xogħol tagħha f'Għawdex. Dettalji dwar il-kera mhumiex jingħataw peress li huma ta' natura kummerċjali.

2. Propjetà f'Malta (liema kirja ilha mill-31 ta' Diċembru 2002 u saret *addenda* fil-kuntratt fit-12 ta' Ottubru 2004) biex tintuża bħala uffiċċju mill-impjegati tal-WasteServ Malta Ltd. Dawn huma temporanji sakemm jinbnew l-uffiċċji ġodda ġewwa l-Magħtab/Żwejra/Naxxar li għalihom ħareġ il-permess. Din il-propjetà hija Phoenix Buildings, f'Old Railway Track, Sta Venera, u nkriet biex minnha l-kumpanija tmexxi u tamministra x-xogħol tagħha. Dettalji dwar il-kera mhumiex jingħataw peress li huma ta' natura kummerċjali.

L-Awtoritá ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA) tikri numru ta' propjetajiet mingħand il-Gvern u mill-privat kif muri fit-tabella li qiegħed inpoġġi fuq il-mejda tal-kamra.

Seduta 409
05/07/2006

## Paper laid to PQ 18922

| Premises | Owner | Property | Annual Rent | Locality |
|---|---|---|---|---|
| St. Francis Ravelin, Floriana | Government | The main offices of the Authority | LM 17,000 | St. Francis Ravelin, Floriana |
| Premises at Triq Sir Luigi Camilleri, Victoria Gozo | Government | A representative office in Gozo | LM 1,700 | Premises at Triq Sir Luigi Camilleri, Victoria Gozo |
| Premises at Kordin | Government | Largely housing one component of the Environment Protection Directorate, this premises is shared with the Government Works District Office. | Nil | Premises at Kordin |
| St. Francis Ditch, Floriana | Government | Largely used to provide for the Planning Appeals Board and its operations. | Nil | St. Francis Ditch, Floriana |
| Storage Archives | Government | An archive of Pre-1992 development permits, relevant payments and related information. | Nil | Storage Archives in premises at Belt is-Sebh Floriana |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Storage Archives | Government | An archive of administrative files relating to the Environment Protection Department. | Nil | Storage Archives in premises at Kordin |
| Storage in two garages | Government | Used for storage of surplus and unserviceable equipment | LM 150<br>LM 120 | Storage in two garages at Siggiewi |
| Storage in two warehouses | Private | Used for the storage of items confiscated under legal provisions of the Development Planning Act and Environment Protection Act. | Information deemed to be of a commercial nature | Storage in two warehouses in Zurrieq |
| Office premises | Private | Leased to provide office space for the Voice of the Mediterranean Radio Station and currently unutilised pending their release by the Ministry of Foreign Affairs. | Information deemed to be of a commercial nature | Office premises at "Valley View", Valley Road Birkirkara |

IMQIEGĦED FUQ IL-MEJDA TAL-KAMRA
TAD-DEPUTATI FIS- 5409 - 05.07.06
MILL- Ministru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni f'isem il-Ministru għall-Affarijiet Rurali u Ambjent

SKRIVAN